

Brussell, 22 ta' Mejju 2025  
(OR. en)

9077/25

**AGRI 197**  
**AGRIFIN 47**  
**AGRISTR 19**  
**AGRIORG 56**  
**DELECT 60**

#### NOTA PUNT "A"

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  
lil: Kunsill

---

Suġġett: Regolament delegat li jemenda ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/370 tat-13 ta' Diċembru 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' proċeduri, limiti ta' żmien għall-preżentazzjoni mill-Istati Membri ta' talbiet għal emendi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, u każijiet oħra li għalihom ma japplikax l-għadd massimu ta' emendi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK  
*- Intenzjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet*

---

1. Il-Kummissjoni ppreżentat l-att delegat imsemmi hawn fuq (id-dokument 9093/25) lill-Kunsill f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 290 TFUE u mal-Artikolu 122 tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021. Peress li l-Kummissjoni ħarġet notifika dwar l-att delegat fil-21 ta' Mejju 2025, il-Kunsill jista' joġġezzjona għalih sal-21 ta' Lulju 2025.
2. L-att delegat jipprovdi lill-Istati Membri aktar żmien biex jipplanaw trasferimenti possibbli ta' allokkazzjonijiet finanzjarji bejn il-pagamenti diretti u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), u bejn il-pagamenti diretti u setturi oħra, peress li jipposponi l-iskadenza għal dawn it-trasferimenti mill-31 ta' Mejju għall-31 ta' Lulju. Biex dawn il-bidliet jidħlu fis-seħħ, l-att delegat irid jidħol fis-seħħ sal-31 ta' Mejju 2025.

3. Fid-19 ta' Mejju 2025, il-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura (KSA) ħa nota li l-att delegat kien għadu qed jitħejja u qabel li għandha tinwieda konsultazzjoni informali fil-21 ta' Mejju 2025 biex jiġi vverifikat jekk id-delegazzjonijiet iqisux li ma hemm l-ebda raġuni biex il-Kunsill joġġezzjona għall-att delegat.
4. Wara l-eżitu tal-konsultazzjoni informali, il-Kunsill għandu jiddeċiedi:
  - (a) f'konformità mal-Artikolu 19(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, li jipproċedi mingħajr tħejjija minn qabel; u
  - (b) jikkonferma li ma għandu l-ebda intenzjoni li joġġezzjona għall-att delegat u li l-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew għandhom jiġu infurmati b'dan.

Dan jimplika li, dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax għalih, l-att delegat għandu jiġi ppublikat u jidħol fis-seħħ f'konformità mal-Artikolu 152(6) tar-Regolament (UE) 2021/2115.

---